Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,642, 11 ta' Ġunju, 2021
Taqsima B

A.L. 252 tal-2021

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2021 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2019 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Insurance and Risk Management – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2021 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2019 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in insurance and Risk Management – M.Sc. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2019 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Insurance and Risk Management – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy, ippubblikati bħala Avviż Legali 202 tal-2019, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2021 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom waħda minn dawn il-kwalifiki li ġejjin:

(a) il-grad ta’ Bachelor of Commerce (Honours) in Insurance and Risk Management miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri; jew

(b) l-Advanced Diploma in Insurance mogħti miċ-Chartered Institute of Insurance (U.K.); jew

(ċ) il-grad ta’ Bachelor of Commerce bl-Insurance bħala waħda miż-żewġ oqsma ta’ studju prinċipali, miksub tal-anqas f’Kategorija II; jew

(d) grad miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew f’Kategorija II, fi kwalunkwe qasam meqjus rilevanti mill-Bord, sakemm li l-applikanti li għandhom il-grad miksub tal-anqas fit-Tielet Klassi Unuri jew Kategorija III jistgħu jiġu wkoll ikkunsidrati. L-applikanti li għandhom il-grad tat-Tielet Klassi Unuri jew Kategorija III jitħallew javvanzaw għall-komponent tar-riċerka jekk jiksbu marka medja ta’ mill-anqas 55% fil-komponent mgħallem; jew

(e) kwalifika meqjusa mis-Senat bħala komparabbli għall-kwalifiki msemmija fis-sottoparagrafi (a), (b) u (ċ).

(2) Id-dħul tal-applikanti skont is-sottoparagrafu (d) u (e) tal-paragrafu 1 ta’ dan l-ordinament jistgħu jkunu meħtieġa li jsegwu u jgħaddu minn taqsima/taqsimiet studju supplimentari li għalihom hemm assenjati mhux aktar minn 12-il krettu ECTS, kif rakkomandat mill-Bord tal-Istudji, minbarra l-programm ta’ studju speċifikat fl-ordinament 5 ta dawn l-ordinamenti.

(3) Id-dħul tal-applikanti skont is-sottoparagrafu (d) u jekk neċessarju tas-sottoparagrafu (e) tal-paragrafu (1) ta’ dan l-ordinament jista’ jkun kondizzjonalment skont ir-riżultat ta’ intervista li ssir għal dan il-għan.

(4) L-intervisti, meta neċessarji, għandhom ikunu mmexxija minn bord maħtur mill-Bord għal dan il-għan u magħmul minn tal-anqas tliet membri.”